**KUNSILL LOKALI** **KALKARA** **LOCAL COUNCIL**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

**It-9 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 7/24**

11 ta' Diċembru 2024

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Speranza Chircop - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Vincent Bongailas - Kunsillier
Nadine Micallef - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa.

**7.24.1** **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

7.24.1.1 Is-Sa Micallef infurmat illi ma tistax tattendi għax tinsab imsiefra.

**7.24.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

7.24.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 6.24 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

7.24.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Speranza Chircop u sekondati mis-Sa Maria Sultana l-minuti ta' seduta 6.24 ġew approvati unanimament.

7.24.2.3 Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**7.24.3** **Punti mill-Minuti Preċedenti**

3.24.7.7 **Oġġezzjoni dwar l-Applikazzjoni bin-Numru ta' Referenza PC/00070/22**

Fil-25 ta' Novembru 2024, inżammet laqgħa mal-NGOs li għandhom interess li joġġeżżjonaw li jinkludu l-Kollettiv u Wirt il-Kalkara. Preżenti għal-laqgħa kien hemm is-Sindku Wayne Aquilina, l-Perit Nadine Micallef u s-Segretarju Eżekuttiv. Wara din il-laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu parir legali mill-avukat tal-Kunsill u l-ispejjeż involuti.

Irriżulta li sal-lum, għadha ma ġietx ippubblikata id-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Ippjannar. F'każ li l-Kunsill jiddeċedi li jappella, huwa għandu 30 ġurnata biex jagħmel dan li jiddekorru mid-data tal-pubblikazzjoni. Dan jista' jsir wara li l-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali jiffirma d-deċiżjoni tal-Awtorita` tal-Ippjannar sabiex iż-żona rurali tkun tista' tiġi art għall-iżvilupp.

5.24.4.1 **L-Avveniment 'Jum il-Kalkara'**

Kif kien diskuss fil-laqgħa appożita għall-Jum il-Kalkara, il-Kunsill evalwa l-applikazzjonijiet ta' Ġieħ il-Kalkara. Wara votazzjoni, il-Kunsill qabel li Ġieħ il-Kalkara jingħata lil Brother Miguel Zammit.

Għal matul il-Jum il-Kalkara, il-Kunsill fassal program ta' ċelebrazzjoni li beda fil-Pjazza Sagra fejn tpoġġew kuruni u fjuri mal-monument tal-Gwerra bħala tislima lill-Kalkara. Wara saret quddiesa ta' Radt il-Ħajr,

segwita b'ċerimonja qasira fejn sar diskors mis-Segretarju Parlamentari Għall-Gvern Lokali segwita mis-Sindku fejn ippreżenta l-Ġieħ il-Kalkara lill Brother Miguel Zammit. Is-Sindku wkoll għamel id-diskors annwali tiegħu.

Fl-istess jum, filgħodu, is-Sindku flimkien mas-Sa Maria Sultana organizzaw quddiesa fil-Kunvent tal-Kapuċċini għat-tfal tal-iskola. Wara l-quddies, it-tfal twasslu lura l-iskola permezz tal-*fun train.*

F'isem il-Kunsill Lokali jawgura lil Brother Miguel Zammit peress li din is-sena ser tkun l-aħħar sena tiegħu fil-Kunvent tal-Kapuċċini ġewwa l-Kalkara.

3.24.5.2 **Tender tal-Bulky Refuse**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li fil-bidu tas-sena 2025, ser il-Kunsill ser ikollu kuntrattur ġdid tas-servizz tal-Bulky. Is-servizz ser jibda jingħata tlett darbiet fil-ġimgħa iġifieri t-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa. B'hekk ser tkun żdiedet ġurnata oħra matul il-ġimgħa.

**7.24.4** **<u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

7.24.4.1 **Attivita' għaċ-Ċelebrazzjoni tal-Lejliet l-Ewwel tas-Sena**

Matul l-aħħar xhur il-Sindku tal-Kottonera ddiskutew il-loġistika u l-finanzjajament taċ-ċelebrazzjoni tal-lejliet l-Ewwel tas-Sena għat-tielet sena konsekuttiva. Minħabba l-fatt li fis-snin preċendenti kien hemm kwistjonijiet ta' finanzjarjament, il-Sindku ddiskutew din il-materja u kien hemm qbil li jkun hemm entita' waħda li għandha tieħu ħsieb din l-attivita' bil-kollaborazzjoni tal-istess Sindki. Is-Sindku ġab l-eżempju tal-Agenzija Belt Kulturali li din tieħu ħsieb iċ-ċelbazzjonijiet tal-Belt Kapitali għal-lejliet l-Ewwel tas-Sena. Għalhekk ġie proponut li l-Fondazzjoni Kottonera tieħu ħsieb l-organizzazzjoni li jsiru fil-Kottonera.

Is-Sindki tal-Kottonera ltaqgħu mal-Ministru responsabbli ta' din il-Fondazzjoni u kkonfermatilhom li Fondazzjoni Kottonera ser tieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' din l-attivita'. Madankollu, is-Sindki kienu kkonċernati li huma baqgħu fl-għama fuq l-organizazzjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tant li bdew jisimgħu minn terzi li Fondazzjoni bdiet għaddejja bil-preparamenti. Għalhekk is-Sindki talbu laqgħa maċ-Ċerman tal-Fondazzjoni iżda rriżulta li ma waslux għall-ftehim u b'hekk is-Sindki kien kostretti joħorġu mil-laqgħa. Ġara li ċ-Ċerman ried ibiddel il-post fejn issir iċ-ċelebrazzjoni iżda s-Sindki ma qablux fuqha għax ma kienx jagħmel sens li jinbidel il-post ġaladarba saru edizzjonijiet oħra fl-istess post.

Is-Sindku ddikjara wkoll li huwa qatt ma kien mistieden biex jattendi laqgħat għall-organizzazzjoni ta' din l-attivita' fejn fl-edizzjonijiet preċedenti huwa kien parti minnha. Żied jgħid li nnota reklamar fuq *billboard* dwar l-attivita' bil-*logos* tal-Kunsilli tal-Kottonera.

Is-Sindku flimkien mas-Sindki l-oħra kienu għadhom qed jiddiskutu jekk jattendux il-Konferenza tal-attivita' u kien hemm qbil li s-Sindki jkun aġġornat bil-konferenza tal-aħbarijiet b'dak kollu li qed jiġri. Għal kull buon fini sabiex l-attivita' ma tiġix imtappna, kien hemm qbil l-l-attivita' tibqa' ssir fl-istess post.

7.24.4.2 **Ftuħ tal-Ewwel Fażi ta' Villa Portelli**

Matul il-laqgħat preċendenti, Sindku kien iddiskuta r-reġenerazzjoni ta' Villa Portelli li x-xogħolijiet ġew imqassma fi tlett fażijiet. L-ewwel fażi ta' xogħolijiet tlesta u dan ikopri r-riġenerazzjoni tal-ġnien tal-Villa. Għalhekk minn nhar il-Ħadd li ġej, il-Heritage Malta responsabbli għal dan il-ġnien ser tibda tiftħu għall-pubbliku kull nhar ta' Ħadd. Il-ġnien ser iżid mal-kullana ta' ġonon ġewwa l-Kalkara li issa jista' jibda jitgawda minn kulħadd. Is-Sindku żied jgħid li jekk inħarsu lura sa sentejn ilu, lanqas konna naħsbu li ser jibda jiġi jitgawda. Hemm ukoll il-ħsieb li jibdew isiru attivitajiet żgħar fih. Filfatt, għada ghandu meeting mal-tim tal-attivitajiet ta' Heritage Malta biex jibdew is-sezzjonijiet ta' qari f'dan il-ġnien. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jorġanizzaw attivitajiet ukoll. Żied jgħid li din hija wegħda oħra mwettqa mill-Manifest Elettorali.

Is-Sa Sultana ipproponiet li jintuża mit-tfal l-iskola. Hija staqsiet jekk il-ġnien huwiex sikur biżżejjed biex jintuża mit-tfal. Il-ġnien huwa sikur tant li huwa mdawwar bil-*fencing* u faċilitajiet oħra biex jiġu evitati inċidenti. Hemm ukoll il-ħsieb li dan il-ġnien jaddotta l-kunċett tal-*community gardens* bi spażju provdut għall-kommunita' li jaħdmu flimkien li jħalli impatt pożittiv billi jsebħu l-ambjent u jgħaqqad il-kommunita' flimkien.

Is-Sur Bongailas semma' li f'dan il-ġnien hemm kamra żgħira li tista' tintuża biex jagħmel xi mużika akustika.

7.24.4.3 **Laqgħa ma' SportMalta għall-Użu tal-Pixxina fil-Kumpless Sportiv ġewwa l-Kottonera**

Wegħda oħra li ser titwettaq titratta l-użu tal-pixxina ġewwa l-Kumpless Sportiv tal-Kottonera għar-residenti tal-Kalkara. Is-Sindku kellu laqgħa mal-Management ta' dan il-Kumpless sabiex minn Jannar li ġej bħala proġett pilota għall-ewwel sitt xhur ta' kull nhar ta' Ġimgħa filgħodu ser ikun hemm numru ta' *lanes* fil-pixxina ddedikati għar-residenti Kalkarizi. Il-Kunsill ser ikun qiegħed joffri servizz ta' trasport għal dawk il-persuni li m'għandhomx biex imorru. Il-Management tal-Kumpless ser joffri *coaching* u użu ta' faċilitajiet b'xejn. Wara li l-għeluq tas-sitt xhur, il-Kunsill ser jassugura li jkopri l-ispejjeż tal-użu tal-lanes. Il-Kunsill ser jirreklama din l-attivita' għal dawk li huma nteressati li jattendu.

7.24.4.4 **Espressjoni ta' Interess għall-Xufier Addizzjonali tal-Van tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba lill-Kunsill għall-xufier li jservi bħala releaver għal meta x-xufier eżistenti jkun assenti. Għalhekk huwa nforma l-Kunsill li toħroġ espressjoni ta' interess interna.

Il-Viċi Sindku Speranza Chircop qajmet il-punt jekk ir-releaver jistax jitħallas ħlas addizzjonali.

7.24.4.5 **Għodwa taċ-Ċitru**

F'Jannar li ġej is-Sindku nforma li ser terġa tiġi organizzata Festa Ċitru u ppropona li ssir fil-ġnien ta' Villa Portelli fl-aħħar Ħadd ta' Jannar sabiex ma' tipix fl-istess ġurnata ta' Festa Ċitru organizzata mill-President.

Is-Sa Chircop staqsiet jekk hemmx xi għażliet oħra fejn tista' ssir din l-attivita'.

**7.24.5 <u>Korrispondenza</u>**

7.24.5.1 **Approvazzjoni tal-Q3**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Quarterly Report li jkopri minn Jannar sa Settembru 2024. Flimkien mas-Sindku huwa taw rendikont tas-sitwazzjoni tal-Kunsill fejn il-figuri ndikaw li Kunsill għamel *surplus* wara li kien hemm għanjuna finanzjarja mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Madanakollu, dan ma jfissirx li fl-għeluq tas-sena l-Kunsill ma jkollux deficit. Kif spjega s-Segretarju Eżekuttiv, l-allokazzjoni tad-Diviżjoni mhux qed tkun biżżejjed li tkopri l-ispejjeż tal-Kunsill. Għalhekk huwa għamel estimi tal-ispejjeż u bagħat lid-Diviżjoni biex jikkunsidra li tiżdied l-allokazzjoni.

Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport.

7.24.5.2 **Talba għall-Armar ta' Tinda (Gazebo) fuq il-Bankina f'Misraħ Arċisqof Gonzi**

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand sidien ta' Caffeteria li tinsab f'Misraħ Arċisqof Gonzi b'talba biex jarma Gazebo mal-ħajt tal-Cafeteria u tibqa' ħierġa sa tarf il-bankina.

Il-Perit Micallef spjegat li ċertu lokalitajiet li huma kkunsidrati bħala żoni turistiċi, dawn jistgħu jagħmlu canopy. Madanakollu, skont il-Local Plan, il-Kalkara mhix ikkunsidrata bħala żona turisitka u għalhekk ma jistgħux joħroġu permessi għall-canopies.

Filwaqt li hemm ħsieb li fil-Masterplan, il-Kalkara tiġi kkunsidrata bħala żona turistika Masterplan li s'issa qatt ma mmanifesta ruħu.

Għat-talba għall-permess tat-tinda, il-Kunsill ma jsib oġġezzjoni li ssir stante li u wara l-okkazzjoni u li s-sid il-ħanut jottjeni l-permessi mingħand l-awtoritajiet kkonċernati. Madanakollu, il-Kunsill ma jistax japprova permess temporanju għal tul ta' ġranet kif kien mitlub.

7.24.5.3 **Paġament Pendenti fuq l-Arloġġ tad-Dawl fi Ġnien Salvatur**

L-ARMS bagħtu kont tad-dawl ta' Ġnien Salvatur li jkopri dawn l-aħħar 25 sena liema kont li Kunsill ma kienx irċieva kontijiet preċedenti. Il-kont jammonta `il fuq minn €8,000.

Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv kien kiteb l-ARMS u talab spegazzjoni u kif il-Kunsill ma kienx jirċievi kontijiet tul dawn is-snin u għalhekk l-kont ġiet riġetta. Madanakollu l-ARMS ma bagħtu ebda risposta. Is-Segretarju Eżekuttiv irrikorra għall-parir legali u l-avukat tal-Kunsill kiteb lil-Legal Unit tal-ARMS u għamel referenza għall-preskrizzjoni.

Wara l-ARMS kkunsidrat it-talba, l-ARMS qabel li l-Kunsill jħallas il-kont ta' dawl tal-aħħar 5 snin li jammonta għall-€1.600.

Il-Kunsill unanimament qabel li jitħallas dan il-kont rivedut.

**7.24.6** **<u>Komunikazzjoni mill-Kunsilliera</u>**

7.24.6.1 <u>Is-Sa Speranza Chircop</u>

7.24.6.1.1 Is-Sa Chircop fakkret li kienu tkellmu dwar titjieb fit-trasport pubbliku. Is-Sindku nforma li ser jorġanizza laqgħa pubblika. Wara l-laqgħa pubblika ser jiġi kkumpilat rapport u jintbagħat lit-Trasport Malta. F'Jannar 2025, ser tiġi ffissata data għal-laqgħa.

7.24.6.1.2 Is-Sa Chircop ser torganizza ħarġa kulturali biex iżuru l-presepji.

7.24.6.2 <u>Is-Sa Maria Sultana</u>

7.24.6.2.1 Is-Sa Sultana informat bil-laqgħa li saret mar-raprezentanti li l-Kunsilli tat-tfal sabiex jiġi organizzat il-Kunsill tat-Tfal. Filfrattemp bdew id-diskussjonijiet sabiex jiġi ffurmat il-Kunsill tat-Tfal permezz tal-ewwel laqgħa tat-tfal.

Is-Sa Sultana għandha amment lir-Reġjun jista' jagħti xi fondi lill-Kunsill biex jitqassmu lill-iskejjel għall-attivitajiet.

7.24.6.2.2 Il-Kap tal-Iskola tal-Kalkara ġibdu l-attenzjoni lis-Sa Sultana li hemm arkati kkundannati u restawr ta' arblu li huma *eye sore* u qed titlob l-assistenza.

7.24.6.2.3 F'Jum il-Kalkara, is-Sa Sultana ħarġet bl-idea ta' *train ride* għat-tfal tal-iskola. Din il-ferrovija ntużat sabiex wara li saret il-quddiesa fil-Kunvent tal-Kapuċċini, it-tfal imorru lura b'din il-ferrovija. Hija rringrazzjat lill-*ischool granies* tal-assistenza tagħhom. Għan-nom tal-iskola, hija rringrazzjat il-Kunsill u x-xufier tal-van tal-Kunsill li wassal it-tfal mill-iskola għall-Kunvent tal-Kapuċċini għall-quddies.

7.24.6.2.4 Ġie organizzat festin għat-tfal ġewwa s-Shoreline bħala parti mill-attivitajiet festivi tal-Milied. Fl-aħħar tal-attivita', it-tfal ingħataw *goodie bag* bħala *token*.

7.24.6.3 Is-Sur Vincent Bongailas

7.24.6.3.1 Is-Sur Bongailas fakkar sabiex tiġi kkonkluża l-*bye law* li tikkonċerna id-dgħajjes ġewwa x-Xewkija. Is-Sindku nforma li fil-ġimgħat li ġejjin ser ilaqqa' l-Kunsill biex tiġi konkluża l-bye law.

7.24.6.3.2 Fl-aħħar Sibt ta' Jannar 2025 fid-9.30am ser tiġi orgnizzata laqgħa għall-persuni b'diżabilita`.

7.24.6.4 Is-Sa Nadine Micallef

7.24.6.4.1 Il-Perit Micallef tkellmet dwar l-oġġeżżjoni fuq l-applikazzjoni PC/00070/22.

7.24.6.4.2 Is-Perit Micallef informat li saret *on-site visit* mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biex jiġu t-tiswijiet neċessarji dwar Villa Portelli. Hija wkoll talbet survey ta' Heritage Malta. Filfrattemp, hija tkellmet ma' perit jiġi provdut stima tax-xogħolijiet (Bill of Quantities) sabiex il-Kunsill ikun mgħarraf l-ispejjeż u x-xogħolijiet involuti.

7.24.6.4.3 Is-Sa Micallef ser titlaqa' mal-Management tas-Shoreline biex tiddiskuti id-disinn tat-tabella li ser titwaħħal fl-entratura tal-Kalkara.

**7.24.7 Punti Ġenerali**

Ma kienx hemm.

**7.24.8 Mistoqsijiet lis-Sindku**

7.24.8.1 Is-Sur Bongailas talab li tiżdied l-magna tal-BCRS ġewwa l-Kalkara. Is-Sindku wieġeb li s'issa qed jistenna risposta mingħand l-Awtorita` rispettiva.

7.24.8.2 Is-Sa Sultana rrimarkat li l-Kunsill għandu jagħmel inventarju tal-affarijiet li huma proprjeta' tal-Kunsill.

7.24.8.3 Is-Sa Sultana flimkien mal-Kunsill irringrazzjaw lil kulħadd u awguraw is-Sena t-Tajba.

**7.24.9 Mozzjonijiet**

7.24.9.1 Fuq proposta tas-Sa Speranza Chircop u ssekondata s-Sa Micallef ġiet mitlub li l-laqgħa li jmiss tibda fis-2pm minflok fil-5pm.

**7.24.10** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sa Maria Sultana ssekondata mis-Sa Speranza Chircop, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**7.24.11** **Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta ntemmet fit-7.00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2025, fil-2.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 14 ta' JANNAR 2025

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**